A.L. 164 ta' l-1990

ATT TA' L-1989 DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT PUBBLIKU (ATT NRU. IX TA' L-1989)

ATT LI JIRREGOLA L-IMPIEG FIT-TRASPORT PUBBLIKU (KAP. 214)

Ordni ta' l-1990 li Jemenda l-Att li Jirregola l-Impiegi fit-Trasport Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 ta' l-Att ta' l-1989 dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1990 li Jemenda l-Att li Jirregola l-Impiegi fit-Trasport Pubbliku, u l-emendi li jseħħu bih għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda ma' l-Att li Jirregola l-Impiegi fit-Trasport Pubbliku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att".

Kap. 214.

Jemenda l-artikolu 3 ta' l-Att.

2. Minflok is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att għandu jidħol dan li ġej:—

"(4) Id-deċiżjonijiet kollha tal-Bord għandhom ikunu b'maġġoranza tal-voti tal-membri kollha.".

Jemenda l-artikolu 5 ta' l-Att.

3. Fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att, minflok il-kliem "mis-segretarju tal-Bord" għandhom jidħlu l-kliem "miċ-*chairman* tal-Bord".